Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

15837/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0427 (NLE)

ECOFIN 1258
UEM 407
FIN 1218

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-4 ta' Mejju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Bulgarija |

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'…**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-4 ta' Mejju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Bulgarija**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[1],u b'mod partikulari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

[1] ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

Billi:

(1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP") mill-Bulgarija fil-15 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fl-4 ta' Mejju 2022, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni ("id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill") tal-4 ta' Mejju 2022[1].

(2) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli ta' kull Stat Membru jenħtieġ kellha tiġi aġġornata sat-30 ta' Ġunju 2022 f'konformità mal-metodoloġija pprovduta fih. Fit-30 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati ta' dak l-aġġornament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(3) Fid-29 ta' Settembru 2023, il-Bulgarija ppreżentat RRP nazzjonali modifikat lill-Kummissjoni. L-RRP modifikat iqis il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata f'konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 u jinkludi talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex jemenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li jikkunsidra li l-RRP parzjalment ma għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Il-modifiki tal-RRP ippreżentati mill-Bulgarija jikkonċernaw 22 miżura.

---

1 Ara id-dokumenti ST 80912022 INITu ST 8091 2022 ADD 1 fuq http://register.consilium.europa.eu.

(4) Fl-14 ta' Lulju 2023, il-Kunsill indirizza rakkomandazzjonijiet lill-Bulgarija fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Il-Kunsill irrakkomanda li l-Bulgarija, fost oħrajn, tagħlaq il-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija sa tmiem l-2023 u tiżgura politika fiskali prudenti. Għall-perjodu ta' wara l-2024, il-Kunsill irrakkomanda li il-Bulgarija tkompli ssegwi konsolidazzjoni fiskali gradwali u sostenibbli fit-terminu medju, flimkien ma' investimenti u riformi li jwasslu għal tkabbir sostenibbli ogħla, inkluż taħt il-finanzjament taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 ('il-Facility') biex jiġu appoġġati t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll li l-Bulgarija tiżgura struttura ta' governanza effettiva u li ssaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tagħha sabiex tippermetti l-implimentazzjoni rapida u kostanti tal-RRP tagħha kif ukoll il-kapitolu REPowerEU, u li tipproċedi bl-implimentazzjoni rapida bil-programmi tal-politika ta' koeżjoni tagħha. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll li l-Bulgarija tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq il-fjuwils fossili u li taċċellera t-tranżizzjoni tagħha lejn enerġija nadifa u rinnovabbli, iżżid l-effiċjenza enerġetika u tnaqqas il-faqar enerġetiku kif ukoll iżżid l-isforzi ta' politika mmirata lejn l-għoti u l-kisba tal-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika.

(5) Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP aġġornat, f'konformità mal-linji gwida ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V ta' dak ir-Regolament.

Aġġornamenti bbażati fuq l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241

(6) L-RRP modifikat ippreżentat mill-Bulgarija jimmodifika 14-il miżuri biex titqies il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata. Il-Bulgarija spjegat li minħabba li l-kontribuzzjoni finanzjarja massima naqset minn EUR 6 267 312 124 għal EUR 5 688 778 600[1], il-RRP jeħtieġ li jiġi modifikat billi jitneħħew 6 miżuri u titnaqqas l-iskala ta' 8 miżuri.

(7) L-RRP modifikat ma għadux fih ċerti miżuri taħt il-komponent C5 Bijodiversità, il-komponent C7 Konnettività diġitali, il-komponent C8 Konnettività tat-trasport, il-komponent C9 Żvilupp lokali u l-komponent C10 Ambjent tan-negozju kif imsemmi fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022.

---

1 Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tal-Bulgarija tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija stabbiliti fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

(8) Dawn il-miżuri jikkonċernaw l-investiment C5.I2 “Ir-restawr tal-ekosistemi ewlenin tal-klima f’konformità mal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità u mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew” rigward ir-restawr tal-ekosistemi u l-ġenerazzjoni ta’ aktar oġġetti u servizzi tal-ekosistemi; l-investiment C7.I3 “Trasformazzjoni diġitali tal-Posta Bulgara u l-għoti ta’ servizzi amministrattivi kumplessi”, rigward il-modernizzazzjoni ta’ uffiċċji postali magħżula f’żoni rurali remoti kif ukoll it-trasformazzjoni diġitali tal-posta Bulgara u l-implimentazzjoni ta’ sistemi pilota għat-telemediċina u l-varar ta’ stazzjonijiet tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi; l-investiment C8.I3 “Id-diġitalizzazzjoni fit-trasport ferrovjarju u l-ERTMS”, rigward il-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea tal-ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS) fin-network ewlieni tat-TEN-T fil-Bulgarija; l-investiment C8.I4 “Terminal Intermodali f’Ruse” rigward il-bini ta’ terminal intermodali ġdid li jintegra modi differenti ta’ trasport u l-infrastruttura tiegħu għall-kontejners f’Ruse; l-investiment C9.I2. “Diġitalizzazzjoni għall-ġestjoni integrata, il-kontroll u l-użu effiċjenti tal-ilma” biex tissaħħaħ il-ġestjoni tal-kwantità tal-ilma bid-diġitalizzazzjoni tagħha u t-titjib tal-kontroll tal-użu tal-ilma; l-investiment C10.I5 “Appoġġ għall-introduzzjoni ta’ medjazzjoni ġudizzjarja obbligatorja” bl-estensjoni tan-network taċ-ċentri tal-medjazzjoni u l-għoti ta’ taħriġ. Id-deskrizzjoni ta’ dawn il-miżuri u l-istadji importanti u l-miri assoċjati tagħhom jitneħħew u jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta’ implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta’ Mejju 2022 tiġi emendata skont dan.

(9) Barra minn hekk, l-RRP modifikat jibdel il-miżuri billi jnaqqashom taħt il-komponenti C2 Riċerka u Innovazzjoni, C3 Industrija intelliġenti, C4 Ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, C6 Agrikoltura sostenibbli, C8 Trasport sostenibbli, C10 Ambjent tan-negozju u C12 Kura tas-saħħa sabiex jirriflettu l-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

(10) B'mod partikolari, l-istadji importanti u l-miri li ġejjin huma mmodifikati biex jitnaqqas il-livell ta' implimentazzjoni meħtieġ meta mqabbel mal-RRP oriġinali biex ikun rifless it-tnaqqis fl-allokazzjoni: l-istadju importanti 27, il-mira 28 u l-mira 30 ta' investiment C2.I1 "Programm biex jiġu aċċellerati l-irkupru ekonomiku u t-trasformazzjoni permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni" taħt il-komponent C2 Riċerka u Innovazzjoni; l-istadju importanti 53 tal-investiment C3.I2 2.2a "Skema ta' għotjiet għall-kombinazzjoni tas-sorsi tal-elettriku rinnovabbli mal-ħżin lokali" taħt il-komponent C3 Industrija Intelliġenti; l-istadju importanti 68 u l-mira 75 tal-investiment C4.I1 "Appoġġ għar-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini" taħt il-komponent C4 Ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju; l-istadji importanti bin-numri sekwenzjali 109 u 110 u l-mira 111 tal-investiment C4.I5 "Proġetti pilota għall-produzzjoni tal-idroġenu ekoloġiku u l-bijogass" taħt il-komponent C4 Ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, l-istadju importanti 133 u l-mira 134 ta' investiment C6.I1 "Fond għall-promozzjoni tat-tranżizzjoni teknoloġika u ekoloġika tal-agrikoltura" taħt il-komponent 6 Agrikoltura sostenibbli; l-istadju importanti 188 u l-miri 189 u 190 tal-investiment C8.I2 "tagħmir abbord tas-Sistema Ewropea ta' Kontroll tal-Ferroviji" taħt il-komponent C8 Trasport sostenibbli; il-miri 276 u 277 tal-investiment C10.I9 "Id-diġitalizzazzjoni tad-data fl-amministrazzjoni li fiha reġistri stampati" taħt il-komponent C10 Ambjent tan-negozju; l-istadju importanti 329 tal-investiment C12.I1 "Modernizzazzjoni tal-faċilitajiet tal-isptarijiet" taħt il-komponent C12 Kura tas-Saħħa.

(11) L-istadji importanti u l-miri li ġejjin tneħħew kompletament biex jirriflettu t-tnaqqis fl-allokazzjoni: l-istadju importanti 112 tal-investiment C4.I5 "Proġetti pilota għall-produzzjoni tal-idroġenu ekoloġiku u l-bijogass" taħt il-komponent C4 Ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju; il-miri 129 u 130 tal-investiment C5.I2: "Ir-restawr tal-ekosistemi ewlenin tal-klima f'konformità mal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità u mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew" taħt il-komponent C5 Bijodiversità; l-istadji importanti 151, 152 u 154 u l-miri 153, 155, 156, 157, 158, 159 u 160 tal-investiment C7.I3 "Trasformazzjoni diġitali tal-Posta Bulgara u l-għoti ta' servizzi amministrattivi kumplessi" taħt il-komponent C7 Konnettività diġitali; l-istadji importanti 191 u 192 tal-investiment C8.I3 "Diġitalizzazzjoni fit-trasport ferrovjarju u fl-ERTMS" taħt il-komponent C8 Trasport sostenibbli; l-istadji importanti 193, 194, 195 u 196 tal-investiment C8.I4 "Terminal intermodali f'Ruse" taħt il-komponent C8 Trasport sostenibbli; l-istadji importanti 211 u 212 tal-investiment C9.I2 "Diġitalizzazzjoni għall-ġestjoni integrata, il-kontroll u l-użu effiċjenti tal-ilma " taħt il-komponent C9 Żvilupp lokali; l-istadju importanti 269 u l-mira 268 tal-investiment C10.I5 "Appoġġ għall-introduzzjoni ta' medjazzjoni ġudizzjarja obbligatorja" taħt il-komponent C10 Ambjent tan-negozju; l-istadju importanti 331 tal-investiment C12.I1 "Modernizzazzjoni tal-faċilitajiet tal-isptarijiet" taħt il-komponent C12 Kura tas-Saħħa.

(12) Barra minn hekk, filwaqt li l-miżura C2.I1 "Programm biex jiġu aċċellerati l-irkupru ekonomiku u t-trasformazzjoni permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni" taħt il-komponent C2 Riċerka u innovazzjoni hija ġeneralment imnaqqsa fl-RRP modifikat, l-awtoritajiet jistgħu jiffinanzjaw istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja waħda aktar milli kien mistenni oriġinarjament taħt il-miżura. Għalhekk, żdied stadju importanti ġdid 29a taħt l-investiment.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

(13) L-emendi tal-RRP ippreżentati mill-Bulgarija minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw miżura waħda.

(14) Il-Bulgarija spjegat li miżura waħda ma għadhiex totalment possibbli kif imfassla oriġinarjament minħabba żidiet fil-prezzijiet u diffikultajiet tekniċi mhux mistennija li wasslu għal żieda fl-ispejjeż għal kull unità u l-ħtieġa li tiġi riveduta l-ambizzjoni. Għalhekk, il-Bulgarija ppreżentat emendi għall-RRP sabiex tibdel id-deskrizzjoni tal-miżura, temenda l-istadju importanti 122 u l-mira 125, u tneħħi l-istadji importanti 123 u 124 tal-investiment C4.I8 "Infrastruttura nazzjonali għall-ħżin tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli (RESTORE)" taħt il-komponent C4 Ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Abbażi ta' dan, il-Bulgarija talbet li l-istadji importanti u l-miri msemmijin hawn fuq jiġu emendati u li jsiru l-bidliet imsemmijin hawn fuq. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 tiġi emendata skont dan.

(15) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet ippreżentati mill-Bulgarija jiġġustifikaw l-aġġornament skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-emenda skont l-Artikolu 21(2) ta' dak ir-Regolament.

(16) Il-bidliet ta' hawn fuq fit-Taqsima 1 tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 jenħtieġ li jiġu riflessi wkoll fit-Taqsima 2 ta' dak l-Anness, li tagħti dettalji dwar l-ammont ta' kull pagament parzjali. Wara t-tneħħija u l-modifika tal-istadji importanti u l-miri deskritti hawn fuq, jenħtieġ li l-ammonti għal kull pagament parzjali jiġu mmodifikati wkoll biex titqies il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata f'konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.

(17) Il-modifiki limitati ppreżentati mill-Bulgarija ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva preċedenti tal-RRP fir-rigward tar-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza jew il-koerenza tiegħu.

Korrezzjonijiet ta' żbalji klerikali

(18) Ġew identifikati 10 żbalji klerikali fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju , li jaffettwaw seba' stadji importanti u erba' miri, u 10 miżuri kumplessivament. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 tiġi emendata biex jiġu kkoreġuti dawk l-iżbalji klerikali li ma jirriflettux il-kontenut tal-RRP ppreżentat lill-Kummissjoni fil-15 ta' Ottubru 2021, kif miftiehem bejn il-Kummissjoni u l-Bulgarija.

(19) Dawk l-iżbalji klerikali huma relatati mad-deskrizzjoni tal-miżura tar-riforma 1 "Riforma fl-edukazzjoni preprimarja u skolastika u t-tagħlim tul il-ħajja" taħt il-komponent C1 Edukazzjoni u ħiliet, l-istadju importanti 5 tar-riforma 2 "Riforma tal-edukazzjoni għolja" taħt il-komponent C1 Edukazzjoni u ħiliet, id-deskrizzjoni tal-miżura u l-istadju importanti 12, il-mira 13, il-mira 14, il-mira 15 u l-mira 16 ta' investiment 2 "Modernizzazzjoni tal-infrastrutturi edukattivi" taħt il-komponent C1 Edukazzjoni u ħiliet, l-istadju importanti 50 tal-investiment 2.1e "Riżerva ta' Innovazzjoni (Strumenti ta' Ekwità għall-Innovazzjoni)" taħt il-komponent C3 Industrija intelliġenti; l-istadji importanti 68 u 75 tal-investiment 2 "Appoġġ għar-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini" taħt il-Komponent C4 Ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, l-istadju importanti 187 tal-investiment 2 "tagħmir abbord tas-Sistema Ewropea ta' Kontroll tal-Ferroviji" taħt il-komponent C8 Trasport sostenibbli; id-deskrizzjoni tal-miżura u l-istadju importanti 222 tar-riforma 2 "Antikorruzzjoni", l-istadju importanti 240 tar-riforma 8 "It-tisħiħ tal-qafas kontra l-ħasil tal-flus" taħt il-komponent C10 Ambjent tan-negozju, u l-istadju importanti 316 tar-riforma 1 "Titjib tal-qafas strateġiku tas-settur tal-kura tas-saħħa" taħt il-komponent C12 Kura tas-saħħa. Dawk il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati.

(20) Il-Bulgarija ġibdet l-attenzjoni tal-Kummissjoni li element wieħed tal-istadju importanti 231 tar-riforma 6 "Riforma tar-reġistru biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-Gvern elettroniku" marbut mad-definizzjoni ta' sistema ta' informazzjoni ġie implimentat qabel il-perjodu ta' eliġibbiltà tal-Faċilità stabbilit fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. Għalhekk, dan l-element jenħtieġ li jitneħħa mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022.

L-indirizzar tal-isfidi kollha, jew subsett sinifikanti minnhom identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż

(21) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), u mal-Anness V, il-kriterju 2.2. tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat mistenni jkompli jikkontribwixxi għall-indirizzar tal-isfidi kollha jew subsett sinifikanti tagħhom (klassifikazzjoni A) identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Bulgarija, inklużi l-aspetti fiskali tagħhom.

(22) Ir-riformi kollha taħt il-komponent tat-tranżizzjoni ekoloġika, kif ukoll investimenti importanti oħrajn biex jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija bħall-investimenti fl-effiċjenza enerġetika u l-investimenti fl-enerġija rinnovabbli biex jiġu pprovduti mill-inqas 3500 MW ta' kapaċità addizzjonali ta' enerġija rinnovabbli (mir-riħ u mix-xemx) konnessa mal-grilja meta mqabbla mal-livelli tal-2022 jinżammu. Għalkemm il-komponent 4 (Ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju) ġie modifikat permezz tat-tnaqqis fl-investiment relatat mal-ħżin tal-enerġija (RESTORE) u t-tneħħija tal-element tal-bijogass tal-proġett pilota tal-bijogass u l-idroġenu, huwa jibqa' wieħed mill-akbar komponenti tal-RRP.

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità

(23) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e) u l-Anness V, il-kriterju 2.5 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat jinkludi miżuri li fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw mir-riforma. Il-miżuri li jappoġġaw l-objettivi klimatiċi jwasslu għal ammont li jirrappreżenta 57,5 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241.

(24) L-ambizzjoni klimatika tal-RRP modifikat tonqos bi ftit meta mqabbla mal-RRP oriġinali, prinċipalment minħabba t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa ta' xi miżuri wara t-tnaqqis fil-kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli għall-Bulgarija, u hija 57,5 % tal-RRP rivedut, meta mqabbla ma' 58,9 % għall-RRP oriġinali.

(25) L-emendi li saru biex jitqies l-aġġornament tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva preċedenti tal-kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika. Riformi u investimenti sinifikanti inklużi fl-RRP għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija billi jappoġġaw l-użu akbar tal-ġenerazzjoni u l-ħżin tal-enerġija rinnovabbli, iżidu l-effiċjenza enerġetika, jikkontribwixxu għal mobbiltà stradali u ferrovjarja sostenibbli kif ukoll għal agrikoltura sostenibbli u għall-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma.

Kontribut għat-tranżizzjoni diġitali

(26) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-Anness V, il-kriterju 2.6 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-objettivi diġitali jwasslu għal ammont li jirrappreżenta 23,1 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP modifikat, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament (UE) 2021/241.

(27) L-ambizzjoni għat-tranżizzjoni diġitali tal-RRP modifikat tonqos bi ftit meta mqabbla mal-RRP oriġinali, prinċipalment minħabba t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa ta' xi miżuri wara t-tnaqqis fil-kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli għall-Bulgarija, u hija 23,1 % tal-RRP rivedut, meta mqabbla ma' 25,8 % għall-RRP oriġinali.

(28) L-emendi li saru biex jitqies l-aġġornament tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva preċedenti tal-kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali. L-investimenti li jrawmu l-akkwist tal-ħiliet diġitali, id-diġitalizzazzjoni tas-settur pubbliku, tan-negozji u tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-investimenti fil-konnettività diġitali mistennija jżidu b'mod dejjiemi l-effiċjenza f'dawk is-setturi.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

(29) Il-Kummissjoni tqis li l-modifiki mressqa mill-Bulgarija ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (c), (d), (g), (h), (i), (j) u (k), tar-Regolament (UE) 2021/241.

Valutazzjoni pożittiva

(30) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni dwar l-RRP modifikat, bil-konstatazzjoni li l-RRP jikkonferma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u mal-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP modifikat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP modifikat fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli.

Kontribuzzjoni finanzjarja

(31) L-istima tal-kost totali tal-RRP modifikat tal-Bulgarija hija ta' BGN 12 097 344 253, li huma ekwivalenti għal EUR 6 185 273 901 bir-rata referenzjali EUR BGN tal-BĊE tal-15 ta' Ottubru 2021. Peress li l-ammont tal-istima tal-kostijiet totali tal-RRP modifikat hija ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Bulgarija, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/241 allokata għall-RRP modifikat tal-Bulgarija tkun ugwali għall-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-RRP modifikat tal-Bulgarija. Dan l-ammont huwa ekwivalenti għal EUR 5 688 778 600.

(32) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Bulgarija tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni jiġi sostitwit kompletament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan ta' rkupru u reżiljenza għall-Bulgarija hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 1*
*Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP*

Il-valutazzjoni tal-RRP aġġornat tal-Bulgarija fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inkluż l-istadji importanti u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti marbuta mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-*data* rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.";

(2) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Unjoni għandha tagħmel disponibbli għall-Bulgarija kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' appoġġ mhux ripagabbli li jammonta għal EUR 5 688 778 600*. Dik il-kontribuzzjoni tinkludi:

(a) ammont ta' EUR 4 636 043 337, li għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment sal-31 ta' Diċembru 2022;

(b) ammont ta' EUR 1 052 735 263, li għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023";

---

* Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tal-Bulgarija tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulata skont il-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.";

(3) l-Anness huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Bulgarija.

Magħmul fi…,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*